MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2007

Appell Civili Numru. 2554/1996/1

**Raymond Dowdall u martu Jacqueline Dowdall**
**v.**
**Pierre Gregoire u Virginia de Cambra**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B’att tac-citazzjoni pprezentat quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta’ Awissu 1996 l-atturi ppremettew illi l-attur Raymond Dowdall gie mqabbad mill-konvenuti sabiex jaghmel xoghol ta’ “construction manager”, jagixxi ta’ “supervisor” u jikkoordina x-xoghol (Dok Q3 u Q4) fuq

*plot* 220, Santa Maria Estate, Mellieha proprjeta` tal-konvenuti jew min minnhom kif ukoll sabiex jaghmel xoghol ta' reinforzar ta' hadid fuq l-imsemmija *plot*; illi l-attur beda jaghmel dan ix-xoghol mill-bidu ta' Awissu 1995 u dam sat-13 ta' Gunju 1996 u kien jahdem fuq din il-*plot* mis-6am sa fil-ghaxija u gieli dam sad-9pm u anki sa l-10pm; illi l-konvenuti kienu jaghtu ordnijiet lill-attur verbalment, bil-*fax*, b'ittri u bit-telefon (ara dokumenti mehmuza); illi l-attur ikkuntatja u qabbad diversi kuntratturi sabiex jezegwixxu x-xogholijiet fuq l-imsemmija *plot* fosthom *surveyors*, kuntratturi ta' l-iskavar, kuntratturi li jissuplixxu l-'concrete' u "bricks", benneja, kuntratturi ghal-"piling", kuntratturi tal-krejnijiet, haddiema tal-*jackhammer* u hafna nies ohra; illi l-attur kien joqghod mal-haddiema u jissupervizjona x-xoghol taghhom; illi l-konvenut Pierre Gregoire obbliga ruhu li jhallas lill-attur skond il-hin u qal lill-attur – "I will pay you for your time because time is money"; illi ghal dan ix-xoghol ta' "constrction manager", ta' supervizjoni u ko-ordinazzjoni r-rata normali hija ta' Lm100 (mitt lira Maltin) fil-gimgha u meta l-attur dam 45 (hamsa u erbghin) gimgha fuq il-*plot* imsemmija, il-konvenuti ghandhom ihallsu lill-atturi Lm4,500 (erbat elef u hames mitt lira Maltin) (Dok Q 21A); illi l-attur ghamel xi xogholijiet ukoll fuq il-*plot* b'idejh; illi l-attur u l-konvenuti ftiehmu li l-attur jaghmel xogholijiet ta' reinfurzar ta' hadid fuq il-*plot* imsemmija u dan versu l-prezz ta' Lm2,000 (elfejn lira Maltin) (Dok Q 21B); illi minn dan ix-xoghol l-attur lesta 60% (sittin fil-mija) tax-xoghol u ghalhekk huwa intitolat li jithallas Lm1,200 (elf u mitejn lira Maltin) (Dok. Q 29); illi l-attur baghat kontijiet lill-konvenuti sabiex jithallas (Dok Q 21 A u B) pero` dawn baqghu inadempjenti; illi l-attur barra mix-xogholijiet hawn fuq imsemmija ghamel ukoll xoghol iehor ghall-konvenuti li kien jikkonsisti f'reinforzar ta' hadid fuq in-naha tat-triq u ma' partijiet tal-gnub tal-*plot* u ta' dan l-attur thallas Lm2,900 (elfejn u disa' mitt lira Maltin); illi ghax-xoghol ta' reinforzar ta' hadid l-attur u l-konvenut ftiehmu li dan isir bicca bicca u huwa ghalhekk li l-attur jonqsu jithallas Lm1,200 (elf u mitejn lira Maltin) fuq dan ix-xoghol; illi l-attur ukoll issuplixxa bla ma thallas dawl u servizz ta' telefon lill-konvenuti; dan premess l-atturi talbu li dik il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-attur Raymond Dowdall ippresta servizzi lill-konvenuti konsistenti f'inkarigu ta' 'construction manager', 'supervisor' u koordinator tal-bini esegwit fuq il-*plot* numru 220, Santa Maria Estate, Mellieha; u konsegwentement

2. Tillikwida dak dovut mill-konvenuti lill-atturi skond l-ewwel talba;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi dak likwidat fit-tieni talba;

4. Tiddikjara li l-attur Raymond Dowdall esegwixxa appalt ta' reinforzar ta' hadid fuq il-*plot* numru 220, Santa Maria Estate, Mellieha ghal u fuq inkarigu tal-konvenuti; u konsegwentement

5. Tillikwida dak dovut mill-konvenuti lill-atturi ghas-servizzi indikati fir-raba' talba;

6. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lil-atturi dak likwidat fil-hames talba;

7. Tiddikjara lill l-konvenuti obbligaw ruhhom li jhallsu lill-atturi ghal servizzi ta' elettriku u telefon liema servizzi nghataw lil u ghall-beneficcju ta' l-istess konvenuti;

8. Tillikwida dak dovut mill-konvenuti lill-atturi ghas-servizzi indikati fis-seba' talba;

9. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi dak likwidat fit-tmien talba;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

B'nota pprezentata fl-24 ta' Ottubru, 1997 (fol. 85) il-konvenuti eccepew:
"1. That plaintiff has been paid for all works carried out by him until the termination of the contract of works. Infact plaintiff was paid by defendants the following sums:-

(a) Lm2,900;

(b) Lm 595;
(c) Lm228; and
(d) Lm1,500 which was deposited in the Court Registry.

These payments more than adequately cover all amounts due for the uncompleted original works agreed upon with plaintiff for the price of Lm5,000 and some extra works which occurred during the construction and defendants reserve their rights to any refund when the Court has determined the amount due to defendants as a result of overpayment.

2. Saving further pleas."

**Is-sentenza appellata**.

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fit-30 ta' Novembru, 2004 bil-mod segwenti:
"Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi taddotta in toto ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku, u in parte ir-relazzjoni tal-Periti Addizzjonali, u, filwaqt li tiddikjara li l-attur kien ippresta servizzi lill-konvenuti kif fuq indikat, tillikwida s-somma dovuta lill-atturi mill-konvenuti fl-ammont ta' Lm4,107.45c, izda stante li dan l-ammont diga thallas, tichad it-tielet talba; tiddikjara li l-attur esegwixxa xoghol ta' rjenforzar ta' hadid fuq l-imsemmija *plot* u li ta' dan ix-xoghol l-atturi diga' thallsu mill-konvenuti u ghalhekk tichad il-hames u s-sitt talba; tiddikjara li l-konvenuti obbligaw ruhhom li jhallsu ghal servizzi ta' elettriku u telefon, ghall-liema servizzi l-konvenuti kienu hallsu lill-atturi u ghalhekk tichad it-talba numru tmienja u disa. Rigward l-ispejjez, tiddeciedi billi, stante li l-ammonti dovuti mill-konvenuti lill-atturi kienu thallsu qabel l-istituzzjoni tal-proceduri odjerni, l-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-atturi."

Dik il-Qorti waslet ghal din id-decizzjoni wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Ikkunsidrat:

"Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-atturi qeghdin jitolbu l-hlas minghand il-konvenuti ghal servizzi prestati mill-attur fuq inkariku tal-konvenut. Bazikament dawn is-servizzi kienu jikkonsistu f' xoghol ta' construction manager u supervizjoni fuq xoghol tal-bini esegwit fuq *plot* 220 Santa Maria Estate, Mellieha; kif ukoll xoghol ta' rijenforzar ta' hadid fuq l-istess *plot*. Il-kwistjoni bejn il-partijiet tirreferi bazikament ghall-komputazzjoni u l-quantum tal-hlas dovut lill-attur tax-xoghol maghmul minnu, u torigina mill-fatt li ma kienx sarx ftehim bil-miktub bejniethom, izda dawn kienu ftehmu verbalment.

"Il-verzjoni ta' l-atturi hija fis-sens li l-ftehim ta' bejniethom kien fis-sens li x-xoghol ta' project management kellu jithallas bil-fattura, filwaqt li ghax-xoghol tar-rijenforzar tal-hadid il-partijiet ftehmu minn qabel fuq cifra ta' Lm2,000 li kellha tkopri dan ix-xoghol maghmul mill-attur. L-attur qed jsostni li ghax-xoghol ta' project management huwa ma kienx thallas, u qed jippretendu li ghandu jiehu s-somma ta' Lm4,500 kalkolata minnu bir-rata settimanali ta' Lm100 ghal hamsa u erbghin gimgha[1]. Rigward ix-xoghol tal-hadid, l-atturi jammettu li sar 60% mix-xoghol prospettat, u ghal dan qed jitolbu s-somma ta' Lm1,200, bazata fuq ic-cifra miftehma minn qabel ta' Lm2,000.

"Il-konvenuti minn naha taghhom isostnu li, ghalkemm inizjalment huma kienu offrew lill-konvenut is-somma ta' Lm4,000 ghal progett kollu, sussegwentement intlahaq ftehim bejnhom u l-attur fis-sens li dana, ghax-xoghol ta' supervizjoni, kellu jithallas is-somma globali ta' Lm5,000 ghal fazi inizjali tal-kostruzzjoni pagabbli Lm1,000 ghal carport, Lm1,000 ghal-hajt ma genb it-triq, Lm2,000 ghall-pedamenti tal-villa u Lm1,000 ghall-ringbeam. Il-konvenut spjega li dan l-arrangament kien jipprovdi lill-attur potenzjal ghal izjed qligh; inoltre jghid li "I negotiated a lump sum per phase as an incentive for the diligent completion of each phase. With a per diem , it is to the benefit of the recipient [l-attur] to draw out the job for as long as possible."[2] Il-konvenut spjega wkoll li d-differenza bejn il-prezz originali ta' Lm4000 ghal progett shih u l-

[1] Dikjarazzjoni – fol.4
[2] Aff. Konvenut. Fol.127

figura finali ta' Lm5,000 ghal pedamenti, kienet dovuta ghall-fatt li l-attur kien offra li jaghmel hu stess ix-xoghol tal-hadid. Ghalhekk il-prezz tax-xoghol tal-hadid kien inkluz u mhux eskluz f' dan l-ammont.

"Fin-nota tieghu l-konvenut in sostenn tal-verzjoni tieghu ressaq l-argument li, anke a bazi ta' verosimiljanza, din il-versjoni ghandha tipprevali fuq dik ta' l-atturi, ghax huwa inverosimili li l-attur, qabel il-prestazzjoni tas-servizzi tieghu ta' construction manager, ma jaghmel ebda arrangament dwar kif ser jithallas, la bhala pagament globali, u lanqas bir-rati. Inoltre, dan jikkuntrasta ferm mal-fatt li dwar ix-xoghol tal-hadid huwa jsostni li lahaq ftehim minn qabel ma' l-attur dwar somma globali li kellu jithallas ghal dan ix-xoghol.

"Illi dwar dawn il-versjonijiet il-Perit Tekniku kkonkluda hekk: "Taghmel izjed sens u hu ferm aktar gust l-arrangament li l-konvenut qal li kien mill-bidu nett ippropona cioe' li jhallas hames telef lira ghas-supervizjoni tal-pedamenti kollu imhallsa fi stadji differenti [fl-ammonti fuq indikati]. Kull arrangament iehor kien mifthu ghall-abbuzi u dubbji. Wiehed setgha jghid u jallega li x-xoghol kien qed idum apposta biex il-hlas ta' Lm100 fil-gimgha jibqa' ghaddej."[3] Dan jinsab konfermat anke mill-Periti Teknici Addizzjonali li fir-relazzjoni taghhom osservaw li l-hlas ghal project management "rari jkun hlas bis-siegha skond kemm idumu x-xogholijiet[4] ….. jigi rilevat li, stante li l-attur kellu kontroll anke fuq it-tul tax-xoghol proprju, u dan ghaliex ezegwixxa parti mix-xoghol hu stess, rata bazata fuq sieghat tul il-progett kollu zgur li … mhijex opportuna."[5] Dawn l-esperti wkoll ikkonkludew li f' dan il-kaz ".. kien hemm ftehim verbali bejn il-partijiet li l-konvenut kellu jhallas lill-attur is-somma ta' Lm5,000 ghax-xoghol fuq il-pedamenti u l-pagamenti kellhom jsiru kif stipulat f' pagna 20 tar-relazzjoni tal-Perit Tekniku, dan [huma] jqisuh bhala lump sum agreement."[6] Inoltre "kien hemm ftehim separat ghal xi xogholijiet zejda li kellu jaghmel l-attur inkluz dawk ta' natura fizika u li fuq dawn l-

[3] Relazzjoni – Fols.240 - 241
[4] Relazzjoni Addizzjonali Fol.350 – sottolinear ta' din il-Qorti
[5] Ibid. Fol.351
[6] Ibid. Fol.352

istess attur kien gie kumpensat bi hlas xieraq."[7] Osservaw wkoll li l-pretensjoni ta' l-atturi ta' hlas ta' rata settimanali jmur kontra l-lump sum agreement raggjunt bejn il-partijiet.

"In tema legali jigi osservat li "Il-konflitti fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikun lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dwak tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabbilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f' kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant" [Prim.Awla [MCC] Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia – 24.11.1966]

"Fil-meritu l-Qorti tosserva li hi tikkondividi l-konkluzjoni raggjunta mill-Periti Teknici, bhala l-aktar wahda verosimili, li l-ftehim ezistenti bejn il-partijiet kien skond il-verzjoni sostnuta mill-konvenut, u cioe' li s-somma ta' Lm5,000 kienet tinkorpora x-xoghol ta' projection management fil-fazi tal-bini tal-pedamenti, kif ukoll ix-xoghol fiziku maghmul mill-attur konsistenti f' irbit ta' hadid. Il-qorti tirrileva li f' dan il-kaz ma ngabet ebda oggezzjoni serja li kellha tinduci lil din il-Qorti sabiex tiddipartixxi mill-konkluzjoni tal-Perit Tekniku; u hija gurisprudenza kostanti li "sakemm ma jigux indikati oggezzjonijiet gravi u serji ta' piz tali li jinducuha li tissostitwixxi l-gudizzju taghha ghal dak tat-tekniku, dan ma taghmlux" [App.Inf. Bonett vs Lewis 1.03.1994].

"Illi rigward l-quantum tal-hlas pretiz, irrizulta li fit-13 ta' Gunju 1996 l-attur tnehha mill-inkarigu tieghu, minhabba kwistjonijiet li kienu qeghdin jinqalghu bejn il-partijiet, senjatament minhabba l-fattur tad-dwmien. F' dan ir-rigward, il-Perit Tekniku osserva li meta l-attur tnehha mill-inkarigu tieghu fit-13 ta' Gunju 1996, ix-xoghol miftiehem ma kienx lest, izda kien lest biss il-carport, ir-retaining wall mat-triq u 60% tal-platform. Il-Perit Tekniku osserva li hlasijiet dovuti ghal dawn ix-xogholijiet kienu jammontaw

[7] Ibid. Fol.353

ghal-Lm1,000, Lm1,000 u Lm1,200, rispettivament; b' total ta' Lm3,200. Oltre, dan jirrizulta li l-attur kien thallas is-somma ta' Lm900 xoghol dovut extra maghmul minnu u li kien gie accettat mill-konvenuti. Ma' dawn ghandha tizdied is-somma ta' Lm7.45,8 "refund ta' elettriku". B' hekk il-Perit Tekniku wasal ghall-konkluzjoni li l-ammont globali dovut mill-konvenuti lill-atturi huwa ta' Lm4,107.45.[8]

"Il-Perit osserva wkoll li mill-provi rrizulta li l-attur kien okkazjonalment jithallas ta' xoghol extra li kien jaghmel, bhal tqeghid ta' katusi, minn cash fund moghti lilu mill-konvenuti. Dawn il-hlasijiet ammontaw ghas-somma ta' Lm285. Inoltre, l-ispejjez tat-telefonati kienu jithallsu mill-petty cash.

"Il-hlasijiet effettivament maghumla mill-konvenuti lill-atturi jinsabu elenkati mill-Perit Tekniku fil-pagna 23[9] tar-relazzjoni tieghu, li, flimkien mas-somma ta' Lm1,500 depozitata fir-Registru tal-Qorti, jammontaw ghas-somma globali ta' Lm4,400. Minn dan jirrizulta li in effetti l-konvenuti hallsu izjed minn dak dovut lill-atturi. Inoltre, statement tal-petty cash fund amministrat mill-attur, u li ma giex kontradett mill-konvenuti, juri bilanc favur il-konvenuti fl-ammont ta' Lm595.

"Illi fir-relazzjoni taghhom il-Periti Teknici Addizzjonali, filwaqt li kkonkludew li "jaqblu in principju mal-konkluzzjonijiet tal-Perit Tekniku u ma' l-iskeda ta' hlasijiet li saru lill-attur mill-konvenut kif elenkati f' pagna 20 [recte.23] tar-relazzjoni u cioe' ghas-somma ta' Lm4,10745 [recte. Lm4,400]"[10] osservaw li "minhabba l-fatt li x-xogholijet kellhom dewmien kaggjonat minn fatturi mhux taht il-kontroll ta' l-attur, l-istess attur ghandu jigi kompensat ghal-25 gimgha zejda li ghamel fuq dawn ix-xogholijiet."[11] Huma ffissaw dan il-kumpens fl-ammont ta' Lm1,500, mahdum fuq rata ta' Lm5 fis-siegha. Fil-fehma tal-Periti din is-somma ghandha tizdied mas-somma ta'

[8] Relazzjoni pg.22 - Fol.242
[9] Fol.243
[10] Fol.353 – sottolinear ta' din il-Qorti
[11] Fol-354

Lm4,107.45, biex b' hekk is-somma globali dovuta lill-attur tammonta ghal Lm5,232.45.

"In propositu ghad-dewmien kaggjonat minn "fatturi mhux taht il-kontroll ta' l-attur"[12] il-Qorti tosserva li fir-relazzjoni tal-Periti Addizzjonali dawn il-fatturi ma gewx la elenkati, la specifikati u lanqas indikati. F'dan ir-rigward din l-osservazzjoni tal-Perit Tekniku hija ferm opportuna: "Ix-xoghol kien ha hafna zmien u twal hafna ….. Jidher li ma kienx hemm ko-ordinazzjoni tajba fuq is-site, u x-xoghol ta' urgenza kbira thalla jitwal ghal hafna zmien b' perikolu shih ghat-triq li kienet fuq it-tafal. L-attur ried jaghmel ix-xoghol manwali hu u ma jimpjegax nies kif kien mitlub li jaghmel u b' hekk ix-xoghol ha hafna zmien."[13] Fi kliem iehor, d-dewmien kien dovut ghal cirkostanzi li kienu pienament fil-kontroll ta' l-attur li minflok qabbad in-nies, kif kellu d-dover li jaghmel bhala construction manager, ghazel minflok li hafna mix-xoghol jaghmlu hu stess bil-konsegwenzjali dewmien. Dan l-modus operandi ta' l-attur jikkuntrasta hafna mal-mod kif hadem Louis Attard, is-successur tieghu f' din il-kariga, ghalkemm b' sens ta' ekwita' ma' l-attur wiehed ghandu jzomm quddiem ghajnejh il-fatt li x-xoghol fil-pedamenti jista' jirrizulta izjed difficli u skabruz mix-xogholijiet ta' fuqu. In propositu l-Periti Addizzjonali osservaw li "minkejja l-fatt li s-sit kien difficli u li kien hemm bzonn ta' xoghol pjuttost impenjattiv fil-pedamenti, normalment dan ma jirrikjedix full-time project manager, imma supervizjoni regolari tal-bennejja li jiridu jsegwu b' mod serju l-istruzzjonijiet tal-perit inkarigat. Fil-fatt hekk sar meta gie inkarigat it-tieni project manager Louis Attard."[14]

"Illi din il-Qorti wara li ezaminat il-provi f' dan ir-rigward hija tal-fehema li ghandha taghti affidament lill-konkluzjonijiet raggjunti mill-Perit Tekniku, u tiskarta dik il-parti tal-relazzjoni addizzjonali fejn il-Periti Addizzjonali kkonkludew li kienet dovuta lill-attur is-somma ulterjuri ta' Lm1,500; u dan stante li fil-fehma tal-Qorti ma rrizultatx

[12] Supra
[13] Fol.240 – sottolinear ta' din il-Qorti
[14] Fol.352

sodisfacentement provata l-ezistenza ta' cirkostanzi li jikkwalifikaw bhala force majeure.

“In konkluzjoni ghandu jinghad li, filwaqt li s-somma dovuta lill-attur mill-konvenuti tammonta ghal-Lm4,107.45c, dik li fil-fatt thallset mill-istess konvenuti lill-istess atturi tammonta ghal Lm4,400. Ghaldaqstant l-atturi m' ghad fadlilhom jiehdu xejn minghand il-konvenuti, u li ghalhekk it-talbiet taghhom f' dan ir-rigward mhumiex gustifikati. Inoltre, jigi osservat li l-konvenuti m'ghandhomx ibatu spejjez ta' dawn il-proceduri, stante li in effetti l-ammont likwidat tas-somma dovuta lill-atturi kien diga' thallas qabel ma gew istitwiti l-proceduri odjerni.”

**L-appell ta' l-atturi**.

L-atturi hassew ruhhom aggravati bis-sentenza fuq imsemmija u ghalhekk b'rikors pprezentat fl-20 ta' Dicembru, 2004 talbu li din il-Qorti joghgobha tbiddel, tvarja u tirriforma s-sentenza imsemmija u dan billi:

i. tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu dikjarat illi l-attur kien ippresta servizzi lill-attur kif mitlub fl-ewwel talba;

ii. thassar, tannulla u tirrexxindi s-sentenza appellata in kwantu likwidat is-somma dovuta lill-atturi mill-konvenuti fl-ammont ta' LM4,107.45 u tghaddi biex tillikwida somma ikbar;

iii. thassar, tannulla u tirrexxindi s-sentenza appellata in kwnatu cahdet it-tielet talba u tghaddi biex tilqa' l-istess talba;

iv. tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu ddikjarat illi l-attur kien ippresta servizzi lill-atturi [recte: konvenuti] kif mitlub fir-raba' talba.

v. thassar, tannulla u tirrexxindi s-sentenza appellata in kwantu cahdet il-hames u s-sitt talbiet attrici u tghaddi biex tilqa' l-istess talbiet;

vi. tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu laqghet is-seba' talba attrici.

vii. Thassar, tannulla u tirrexxindi s-sentenza appellata in kwantu cahdet it-tmien u disa' talbiet attrici u tghaddi biex tilqa' l-istess talbiet.

U b'hekk tilqa' t-talbiet akollha attrici u tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti.

Il-konvenuti appellati pprezentaw risposta dettaljata fl-10 ta' Jannar 2005 fejn talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, is-sentenza appellata tigi kkonfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

**L-aggravji ta' l-atturi appellanti**.

L-atturi appellanti ressqu essenzjalment tlett aggravji kontra s-sentenza appellata u dawn huma bazikament fis-sens li:
1) kien jinkombi fuq il-konvenuti li jippruvaw ftehim dwar il-pagament u la darba dan il-ftehim ma rrizultax l-Qorti kellha tillikwida l-ammont dovut;

2) l-valutazzjoni tal-provi da parti ta' l-esperti teknici u tal-Qorti kienet skorretta;

3) ma kien hemm ebda ftehim dwar "*completion date*" u la darba d-dewmien ma kienx tort ta' l-attur huwa kellu jigi kumpensat ghaz-zmien li hadem.

**Ikkunsidrat:**

B'dawn il-proceduri l-atturi qed jitolbu li jigi likwidat u mhallas lilhom mill-konvenuti kumpens ghax-xoghol ezegwit mill-attur bhala "project manager" fuq il-*plot* 220, Sta Marija Estate, Mellieha u dan barra xi hlasijiet ohra ghal xoghol partikolari u rifuzjoni ta' spejjez. Minn ezami ta' l-atti processwali, senjatament c-citazzjoni u n-nota ta' l-eccezzjonijiet jidher li bazikament il-vertenza inholqot minhabba l-fatt li filwaqt li l-attur qed jisostni li hu kellu

jithallas tant fil-gimgha oltre pagamenti specifici ghal xoghol partikolari, il-konvenuti qed jirribattu li l-attur kellu jithallas ammont fiss billi kien intlahaq ftehim fuq "lump sum". L-ewwel Qorti, fuq l-iskorta ta' dak li kkonkludew l-esperti minnha mahtura, irriteniet, ghal diversi ragunijiet, li l-verzjoni tal-konvenuti kienet aktar versomili u konsegwentement, wara li accettat li kien hemm ftehim bejn il-partijiet, kif qed jirritjenu l-konvenuti, cahdet t-talbiet attrici billi kkonkludiet li l-ammont miftiehem kien thallas.

Mir-rikors ta' l-appell u r-risposta tal-konvenuti jidher car li l-kwistjoni bejn il-partijiet ghadha tirrivolvi dwar jekk effettivament ghal dan l-inkarigu l-partijiet kienux waslu fi ftehim li jsir pagament "lump sum", kif qed isostnu l-konvenuti, jew jekk, kif jsostni l-attur, dan kellu jithallas b'tant fil-gimgha tul il-perjodu kollu ta' l-ingagg tieghu bhala "project manager" u dana skond fatturi li huwa johrog tul ix-xoghol. Biss fl-istadju ta' l-appell jidher li l-appellant biddel id-direzzjoni tal-kontenzjoni tieghu billi kif jidher mil-paragrafu (5) tar-rikors intavolat minnu, issa qed jghid li huwa "*mhuwiex qieghed isostni li kien hemm ftehim li huwa jithallas bil-gimgha, izda qieghed isostni li, ghalhekk* [recte: ghalkemm] *kien hemm diskussjonijiet dwar lump sum payments, ma ntlahaq l-ebda ftehim u ghaldaqstant illi l-istimi ta' xogholijiet kollha varji kellhom isiru kollha mill-Qorti bl-ghajnuna ta' l-abbli periti teknici minnha appuntati…..*" Din l-asserzjoni, fil-fehma ta' din il-Qorti, hija ferm stramba billi hawn l-attur appellant donnu qed ighid li dahal ghal bicca xoghol minghajr ma gie stabbilit kemm kellu jhallas – fattur dan, tal-hlas, verament importanti f'kull kwistjoni ta' xoghol – u li 'a priori' huwa kien determinat li jidhol il-Qorti biex jigi likwidat l-ammont dovut lilu. Dan il-hsieb ghandu mill-inkredibbli. Din il-Qorti tifhem, kif fehemet l-ewwel Qorti, li jista' jkun hemm nuqqas ta' qbil dwar il-ftehim milhuq bejn il-partijiet, biss li wahda mill-partijiet u partikolarment dik il-parti li kienet ser tippresta is-servizzi taghha fl-ezekuzzjoni tax-xogholijiet ossia supervizjoni ta' l-istess xogholijiet ikollha il-hsieb li tiddipendi mill-intervent tal-Qorti biex jigi likwidat l-ammont eventwalment dovuta lilha, ma ghandux mis-sewwa. Ghalhekk din is-sottomissjoni qed tigi skartata.

**Ikkunsidrat:**

Mill-assjem tal-provi prodotti din il-Qorti hija tal-fehema li l-ewwel Qorti kienet korretta fil-konkluzzjoni minnha raggunta fis-sens li bejn il-kontendenti kien hemm ftehim li l-attur jithallas “on a lump sum basis”. Fir-rikors ta’ l-appell ma ngieb ebda argument gdid konvincenti biex din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni differenti u b’hekk mhux biss tbiddel l-apprezzament tal-provi ta’ l-ewwel Qorti izda wkoll dik ta’ l-esperti teknici mahtura appozitament. Hawn huwa rilevanti dak li gie sottomess mill-konvenuti appellati fin-nota ta’ l-osservazzjonijiet taghhom li, arrangament kif suggerit mill-attur ma kienx accettabbli billi kien iqeghdhom “alla merce`” ta’ l-istess attur li, bhala l-persuna nkarigata mill-ezekuzzjoni tax-xogholijiet, seta’ jabbuza mis-sitwazzjoni billi jtawwal iz-zmien ghal “completion” u b’hekk jitlob risarciment qawwi.

F’dan il-kuntest hija wkoll accettabbli l-konkluzzjoni ta’ l-ewwel Qorti meta cahdet is-suggeriment ta’ l-esperti teknici addizzjonali dwar kumpens “extra” lill-attur minhabba dewmien billi ma jidhirx li dan il-kumpens kien dovut gia la darba ma tressqet ebda prova konvincenti li x-xogholijiet damu aktar milli kellhom minhabba xi raguni barra mill-kontroll ta’ l-istess attur.

Illi mill-assjem tal-provi ghalhekk jidher li l-aggravji mhux gustifikati u konsewgentement, gialadarba jirrizulta li l-ammont dovut mill-konvenuti thallas qabel ma bdew dawn il-proceduri, l-appell ta’ l-atturi ser jigi michud.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell ta’ l-atturi qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata fl-interezza taghha u dana bl-ispejjez ta’ dan l-appell kontra l-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------